**9 ta’ Marzu**

**Tifkira ta’**

S. FRANĠISKA RUMANA, RELIĠJUŻA

Twieldet f’Ruma fl-1384; iżżewġet żgħira u kellha tlitt itfal. Għexet fi żmien ta’ hemm kbir, qassmet ġidha lill-foqra, u kienet iddur bil-morda; kienet tgħaġġbek għall-ħidma ħabrieka tagħha ma’ l-imsejknin u għat-taħriġ fil-virtujiet, l-aktar fl-umilta’ u s-sabar. Waqqfet il-Kongregazzjoni ta’ l-Oblati u tathom ir-Regola ta’ S. Benedittu. Mietet fl-1440.

Mill-Komun tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi...

**Fit-Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta’ Żakkarija Il-Mulej igħid: Kull min jagħmel ir-rieda ta’ Missieri, dak hu hija u oħti u ommi.

Talba

O Alla, inti li tajtna lil Santa Franġiska Rumana bħala xempju tal-għaġeb, sew bħala mara miżżewġa, sew bħala reliġjuża; agħmel li aħna naqduk sa l-aħħar, billi, f’dak kollu li nsibu ruħna fih f’din il-ħajja, inżommu lilek quddiem għajnejna u nimxu warajk. B’Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta’ Marija Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, tirċievu kollox għal mitt darba iktar, u jkollkom b’xortikom il-ħajja ta’ dejjem.